

# TALB

*Meta nitlob, Alla jieħu n-nifs tiegħu fija*

Franciscus

*Dan il-ktejjeb ta' talb tqassam b'xejn mill-Papa Franġisku lill-fidili miġbura għall-Angelus fi Pjazza San Pietru, il-Belt tal-Vatikan, nhar il-Ħadd 14 ta' Diċembru 2014.*

**IT-TALBA TAL-MULEJ**
Mt 5:9-13
Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu jitolbu hekk:

Missierna, li inti fis-Smewwiet,
jitqaddes ismek,
tiġi saltnatek,
ikun li trid int
kif fis-sema hekkda fl-art.
Ħobżna ta’ kuljum agħtina llum;
u aħfrilna dnubietna
bħalma naħfru lil min hu ħati għalina;
u la ddaħħalniex fit-tiġrib,
iżda eħlisna mid-deni. Amen.

**TALB BIBLIKU**

Magnificat

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu.
Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar;
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien
fuq dawk li jibżgħu minnu.
Hu wera l-qawwa ta' driegħu,
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom,
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ,
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Israel, qaddej tiegħu,
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
– bħalma wiegħed lil missirijietna –
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

### Mis-Salm 51
Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek
ħassar ħtijieti.
Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi.

### Mis-Salm 130
Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej:
isma', Sidi, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa,
jiena u nitolbok bil-ħniena.
Jekk tal-ħtijiet int tagħti kas, Mulej,
Sidi, min jista' jżomm sħiħ?
Imma għandek hemm il-maħfra,
biex hekk inqimuk fil-biża' tiegħek.

### Mis-Salm 139
Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni;
int taf meta noqgħod u meta nqum,
int tagħraf mill-bogħod ħsibijieti.
Int tagħraf il-mixi u l-waqfien tiegħi;
triqati kollha inti tafhom sewwa.
Għax int sawwart il-ġewwieni tiegħi,
u f'ġuf ommi inti nsiġtni.

Irroddlok ħajr,
għax b'mod tal-għaġeb għamiltni:
tal-għaġeb huma l-għemejjel tiegħek.
U 'l ruħi inti tafha tajjeb.
Ma kienx moħbi għadmi minnek,
meta kont qiegħed insir fis-satra
u nintiseġ fil-qigħan tal-art.
Raw għajnejk l-għemejjel tiegħi:
kollha nkitbu fil-ktieb tiegħek;
u jiemi kienu ġa magħduda
meta ebda wieħed ma kien għad hemm.
Kemm huma tqal ħsibijietek għalija, o Alla!
Kemm hu bla tarf l-għadd tagħhom!

## FORMULI QOSRA

### Sinjal tas-salib

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
Amen.

### Glorja lill-Missier

Glorja lill-Missier u lill-Iben
u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## Sliem għalik, Marija

Sliem għalik, Marija, bil-grazzja mimlija,
il-Mulej miegħek,
imbierka inti fost in-nisa
u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek, Ġesù.
Qaddisa Marija, Omm Alla,
itlob għalina midinbin,
issa u fis-siegħa tal-mewt tagħna. Amen.

## Anġlu ta’ Alla

Anġlu ta’ Alla, li fit-tjubija tiegħu
Alla tani biex tħarisni:
ħarisni, żommni u mexxini
f’dan il-jum/lejl. Amen.

## Agħtihom, o Mulej

Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta’ dejjem,
id-dawl ta’ dejjem jiddi fuqhom,
jistrieħu fis-sliem. Amen.

## INVOKAZZJONIJIET LIL KRISTU ĠESÙ

Nadurawk, o Ġesù, u nberkuk,
għax b'salibek u l-mewt tiegħek inti fdejtna.

*jew*

Ġesù, Bin Marija Verġni, ħenn għalija.
Ġesù, triq, verità u ħajja, ħenn għalija.
Ġesù, ħabib tal-midinbin, ħenn għalija.
Ġesù, tabib tar-ruħ u l-ġisem, ħenn għalija.

## INVOKAZZJONI LILL-ISPIRTU S-SANTU

Ejja, Spirtu s-Santu,
imla l-qlub tal-fidili tiegħek
u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.

## INVOKAZZJONIJIET LIL MARIJA

Sliem għalik, Sultana
Sliem għalik, Sultana, Omm tal-ħniena,
ħajja, ħlewwa u tama tagħna.
Sliem għalik, lilek ngħajtu,
għaliex aħna tturufnati, ulied Eva;
lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu
f'dan il-wied tad-dmugħ.

Ejja, mela, Avukata tagħna,
dawwar lejna dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena.
Urina, wara dan it-turufnament, lil Ġesù,
frott imbierek tal-ġuf tiegħek;
o ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija.

## Taħt il-ħarsien tiegħek

Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu,
Omm qaddisa ta' Alla:
la twarrabx minn quddiemek
it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna,
u eħlisna dejjem minn kull tiġrib,
o Verġni glorjuża u mbierka.

## Litanija Lawretana

| | |
|---|---|
| Mulej, ħniena. | Mulej, ħniena. |
| Kristu, ħniena | Kristu, ħniena. |
| Mulej, ħniena | Mulej, ħniena. |
| Kristu, ismagħna. | Kristu, ismagħna. |
| Kristu, ilqa' t-talb tagħna. | Kristu, ilqa' t-talb tagħna. |
| Missier Etern Alla, | ħenn għalina. |
| Iben Alla li fdejt id-dinja, | itlob għalina. |
| Spirtu Qaddis Alla, | itlob għalina. |
| Trinità Qaddisa, Alla wieħed, | itlob għalina. |
| Imqaddsa Marija, | itlob għalina. |
| Imqaddsa Omm Alla, | itlob għalina. |
| Imqaddsa Xebba tax-xbejbiet, | itlob għalina. |

Omm ta’ Kristu, itlob għalina.
Omm il-Knisja, itlob għalina.
Omm tal-grazzja ta’ Alla, itlob għalina.
Omm l-iżjed safja, itlob għalina.
Omm l-iżjed nadifa, itlob għalina.
Omm u xebba, itlob għalina.
Omm bla tebgħa, itlob għalina.
Omm li tistħoqq l-imħabba, itlob għalina.
Omm tal-għaġeb, itlob għalina.
Omm tal-parir it-tajjeb, itlob għalina.
Omm ta’ min ħalaqna, itlob għalina.
Omm ta’ min salvana, itlob għalina.
Xebba kollok għaqal, itlob għalina.
Xebba li tistħoqq kull qima, itlob għalina.
Xebba li tistħoqq kull foħrija, itlob għalina.
Xebba kollok setgħa, itlob għalina.
Xebba kollok ħniena, itlob għalina.
Xebba dejjem marbuta ma’ Alla, itlob għalina.
Mera tal-qdusija, itlob għalina.
Tron tal-għerf, itlob għalina.
Bidu tal-ferħ tagħna, itlob għalina.
Għamara tal-Ispirtu s-Santu, itlob għalina.
Għamara ta’ kull grazzja, itlob għalina.
Għamara ta’ kull tjieba, itlob għalina.
Warda mistika, itlob għalina.
Torri ta’ David, itlob għalina.

Torri tal-avorju, itlob għalina.
Dar tad-deheb, itlob għalina.
Arka tar-Rabta l-Ġdida, itlob għalina.
Bieb tas-Sema, itlob għalina.
Kewkba ta' filgħodu, itlob għalina.
Saħħa tal-morda, itlob għalina.
Kenn tal-midinbin, itlob għalina.
Faraġ tal-imnikktin, itlob għalina.
Għajnuna tal-Insara, itlob għalina.
Sultana tal-anġli, itlob għalina.
Sultana tal-patrijarki, itlob għalina.
Sultana tal-profeti, itlob għalina.
Sultana tal-Appostli, itlob għalina.
Sultana tal-martri, itlob għalina.
Sultana tal-konfessuri, itlob għalina.
Sultana tal-verġni, itlob għalina.
Sultana tal-qaddisin kollha, itlob għalina.
Sultana mnissla mingħajr l-ewwel tebgħa, itlob għalina.
Sultana mtellgħa s-Sema, itlob għalina.
Sultana tar-Rużarju mqaddes, itlob għalina.
Sultana tal-familja, itlob għalina.
Sultana tal-paċi, itlob għalina.

Ħaruf ta' Alla
li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, aħfrilna, nitolbuk, Mulej.

Ħaruf ta' Alla
li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ismagħna, nitolbuk, Mulej.

Ħaruf ta' Alla
li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ħenn għalina.

## Lil Marija

Marija, mara tas-smigħ, agħmel li widnejna jkunu miftuħa;
agħmel li nitgħallmu nisimgħu l-Kelma ta' Ibnek Ġesù
qalb il-ħafna kliem ta' din id-dinja;
agħmel li nagħrfu nisimgħu r-realtajiet li fihom ngħixu,
lil kull persuna li magħha niltaqgħu,
speċjalment dik li hi fqira, fil-bżonn, f'diffikultà.
Marija, mara tad-deċiżjoni,
dawwal il-moħħ tagħna u l-qalb tagħna,
biex nagħrfu nobdu l-Kelma ta' Ibnek Ġesù, bla tnikkir;
agħtina l-kuraġġ tad-deċiżjoni,
biex ma nitkaxkrux mill-kurrent ta' oħrajn
li jmexxulna ħajjitna huma.
Marija, mara tal-azzjoni, agħmel li jdejna u riġlejna
jmorru "iħaffu" lejn l-oħrajn,
biex iwasslu l-karità u l-imħabba ta' Ibnek Ġesù,
biex iwasslu, kif għamilt int,
id-dawl tal-Vanġelu fid-dinja. Amen.

Il-Papa Franġisku

## FILGĦODU

### Mis-Salm 63

Alla, Alla tiegħi int;
lilek ħerqan infittex.
Ruħi bil-għatx għalik,
għalik imxennaq jiena,
bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma.

### Mulejja, nadurak

Mulejja, nadurak
u nħobbok b'qalbi kollha.
Nirringrazzjak li ħlaqtni, għamiltni Nisrani
u żammejtni sħiħ matul dan il-lejl.
Noffrilek kulma se nagħmel f'dan il-jum:
agħmel li kollox ikun skond ir-rieda mqaddsa tiegħek
u għall-akbar glorja tiegħek.
Żommni bogħod mid-dnub u minn kull ħażen.
Ħa tkun dejjem miegħi l-grazzja tiegħek
u mal-għeżież kollha tiegħi. Amen.

### Offerta tal-ġurnata

Qalb imqaddsa ta' Ġesù, jien noffrilek, permezz tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija, Omm il-Knisja, f'għaqda mas-sagrifiċċju tal-Ewkaristija, it-talb u l-għemejjel, u l-ferħ u t-tbatija ta' dan il-jum: bi tpattija għad-dnubiet kollha,

għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu, għall-glorja ta' Alla l-Missier.

*jew*

Jiena kollni tiegħek
u kulma għandi huwa tiegħek,
maħbub tiegħi Ġesù,
permezz ta' Marija, l-Omm qaddisa tiegħek.

## FILGĦAXIJA

Mis-Salm 141
Lilek, Mulej, insejjaħ; fittex għinni!
Isma' leħni, jiena u nsejjaħlek.
Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek;
ikunu jdejja merfugħa 'l fuq bħas-sagrifiċċju filgħaxija.

Mulejja, nadurak
Mulejja, nadurak
u nħobbok b'qalbi kollha.
Nirringrazzjak li ħlaqtni, għamiltni Nisrani
u żammejtni ħaj matul dan il-jum.
Aħfirli d-dnubiet li għamilt illum
u ilqa' l-għemil tajjeb li stajt għamilt f'dan il-jum.

Ħarisni matul dan il-lejl u eħlisni mit-tiġrib.
Il-grazzja tiegħek tkun dejjem miegħi
u mal-għeżież kollha tiegħi. Amen.

### Talba għall-maħfra

Ftakar, Mulej, fi mħabbtek,
fil-fedeltà tiegħek li hi minn dejjem.
La tiftakarx fi dnubieti:
ftakar fija fil-ħniena tiegħek,
skond it-tjieba tiegħek, Mulej.

### Qabel l-irqad

Il-Mulej li jista' kollox jagħtina lejl kwiet
u tmiem tajjeb.

*jew*

Salvana, Mulej,
u ħarisna binhar u billejl,
biex nishru ma' Kristu
u nistrieħu fis-sliem.

## QABEL L-IKEL

Berikna, Mulej, u bierek dan l-ikel
li aħna sejrin nieklu u li għoġbok tipprovdilna,
għall-merti ta' Kristu Sidna. Amen.

*jew*

Ħarisna, Mulej Alla tagħna,
u weżinna fid-dgħufija tagħna.
Bi Kristu Sidna. Amen.

## WARA L-IKEL

Inbierku 'l-Mulej.

*jew*

Irroddulek ħajr
għat-tjieba kollha tiegħek, Mulej li tista' kollox.
Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## TALBIET SEMPLIĊI

### Quddiem il-Kurċifiss

Alla, l-aktar Għoli u Glorjuż,
dawwal id-dlamijiet ta' qalbi.
U sawwab fija fidi vera,
tama ċerta u mħabba perfetta.
Agħtini, Mulej,
li nħoss u nagħraf lilek
biex nagħmel ir-rieda vera u mqaddsa tiegħek.
Amen.

San Franġisk

### Offerta tal-ġurnata

Alla tiegħi,
jiena noffrilek dak kollu
li nagħmel illum
għall-fehmiet u l-glorja
tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.
Irrid inqaddes kull taħbita ta' qalbi,
ħsibijieti u l-iċken ħidmiet tiegħi
billi ngħaqqadhom mal-merti bla qies tiegħu.
Irrid nagħmel riparazzjoni għan-nuqqasijiet tiegħi
billi nitfagħhom fil-ħuġġieġa
tal-imħabba kollha ħniena tiegħu.

O Alla tiegħi!
Għalija u għal dawk għeżież għalija,
nitolbok il-grazzja li nagħmlu b'mod perfett
ir-rieda qaddisa tiegħek,
u li għal imħabbtek
nilqgħu kull ferħ u dwejjaq ta' din il-ħajja li tgħaddi,
sabiex 'il quddiem inkunu nistgħu
nerġgħu nkunu ħaġa waħda fis-Sema għal dejjem ta' dejjem.

Santa Tereża ta' Lisieux

## Għażiż Ġesù

Għażiż Ġesù, għinni biex inxerred
il-fwieħa tiegħek kull fejn immur.
Fawwar il-qalb tiegħi
bl-Ispirtu u l-Ħajja tiegħek.
Idħol ġewwa fija
u ħu kontroll tiegħi nnifsi kollni kemm jien,
b'mod li l-ħajja tiegħi tkun tirrifletti lilek biss.
Iddi minn ġo fija,
kun ġo fija
b'mod li kull persuna li niġi f'kuntatt magħha
tħoss fija l-preżenza tiegħek.
Ħalli jħarsu u jaraw mhux aktar lili, imma lilek biss!

Ibqa' miegħi,
ħalli nsir niddi
bħalma tiddi inti;
ħalli b'hekk insir dawl għall-oħrajn.
Id-dawl, o Ġesù, ikun ġej kollu minnek,
xejn ma jkun tiegħi.
Tkun inti li tiddi fuq l-oħrajn permezz tiegħi.
Għalhekk, ħallini nfaħħrek bil-mod kif inti tħobb l-aktar:
billi niddi fuq dawk ta' madwari.
Ħallini nxandrek bla ma nitkellem,
mhux bil-kliem, imma bl-eżempju tiegħi,
bil-forza qawwija ta' dak li jiena nwettaq,
bix-xhieda ċara tal-imħabba
li f'qalbi tfawwar għalik.
Amen.

Il-Beatu John Henry Newman

## Talba tal-abbandun

Missier, f'idejk nintelaq jiena:
agħmel minni dak li jogħġbok.
Niżżik ħajr għal dak kollu li tagħmel bija:
jien lest għal kollox, nilqa' kollox.
Agħmel biss li r-rieda tiegħek isseħħ fija,
u fil-ħlejjaq kollha tiegħek.

Ma nixtieq xejn aktar, Mulej.
F'idejk jien nitlaq ruħi;
nagħtihielek bl-imħabba kollha ta' qalbi,
għax jien inħobbok, Mulej,
u għalhekk inħoss il-ħtieġa li nagħti lili nnifsi lilek,
li nintelaq f'idejk għal kollox
u b'kunfidenza bla tarf,
għax int Missieri.

Il-Beatu Charles de Foucauld

Tridhom idejja?
Mulej, trid idejja
biex tgħaddi dan il-jum
tgħin lill-foqra u l-morda li għandhom bżonn?
Mulej, illum nagħtik idejja.

Mulej, tridhom riġlejja
biex tgħaddi dan il-jum
iżżur lil dawk li għandhom bżonn ta' ħabib?
Mulej, illum nagħtik riġlejja.

Mulej, tridu leħni
biex tgħaddi dan il-jum
titkellem ma' dawk li qed jistennew kelma ta' mħabba?
Mulej, illum nagħtik leħni.

Mulej, tridha qalbi
biex tgħaddi dan il-jum
tħobb lil kull bniedem sempliċement għax hu bniedem?
Mulej, illum nagħtik qalbi.

Il-Beata Teresa ta' Calcutta

## MIT-TRADIZZJONI NISRANIJA

L-*Angelus*

L-anġlu ta' Alla ħabbar lil Marija.
– U hija saret Omm mill-Ispirtu s-Santu.
Sliem għalik, Marija.

Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej.
– Ikun minni skond kelmtek.
Sliem għalik, Marija.

U l-Iben ta' Alla sar bniedem.
– U għammar fostna.
Sliem għalik, Marija.

V. Itlob għalina, qaddisa Omm Alla.
R. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

Nitolbu.
Xerred, Mulej, fi qlubna l-grazzja tiegħek, biex aħna li, bit-tħabbira tal-anġlu, għarafna li Kristu Ibnek sar bniedem, bil-passjoni u l-mewt tiegħu naslu għas-sebħ tal-qawmien mill-imwiet. Bi Kristu Sidna. Amen.

## Sultana tas-Sema

*Tingħad fi żmien l-Għid*

Sultana tas-Sema, ifraħ, hallelujah:
għaliex dak li stħaqqlek tkun Ommu, hallelujah,
qam minn bejn l-imwiet, kif kien qal, hallelujah.
Itlob 'l Alla għalina, hallelujah.

V. Ifraħ u thenna, Verġni Marija, hallelujah.
R. Għaliex il-Mulej qam tassew minn bejn l-imwiet, hallelujah.

Nitolbu.
O Alla, li bil-qawmien mill-imwiet ta' Ibnek Ġesù Kristu Sidna għoġbok tferraħ id-dinja, agħtina, nitolbuk, li b'Ommu l-Verġni Marija niksbu l-ferħ tal-ħajja ta' dejjem. Bi Kristu Sidna. Amen.

## Ir-Rużarju

*Wara li jingħad il-misteru, jingħadu* Missierna*, għaxar* Sliem għalik, Marija*, u* Glorja lill-Missier.

**Misteri tal-ferħ** *(it-Tnejn u s-Sibt)*

1 – Meta l-anġlu Gabrijel ħabbar lil Sidtna Marija li kellha ssir Omm Alla.

2 – Meta Sidtna Marija marret iżżur lill-qariba tagħha Santa Eliżabetta.

3 – Meta Sidna Ġesù Kristu twieled fl-għar ta' Betlehem.

4 – Meta Sidtna Marija ppreżentat lil Binha Ġesù fit-Tempju.

5 – Meta Sidtna Marija tilfet lil Binha Ġesù, u wara tlitt ijiem sabitu fit-Tempju jiddisputa mad-dutturi.

**Misteri tad-dawl** *(il-Ħamis)*

1 – Meta Sidna Ġesù Kristu tgħammed fix-xmara Ġordan.

2 – Meta Sidna Ġesù Kristu wera min hu fit-tieġ ta' Kana.

3 – Meta Sidna Ġesù Kristu ħabbar is-Saltna ta' Alla u sejjaħ għall-indiema.

4 – Meta Sidna Ġesù Kristu tbiddel quddiem l-Appostli fuq il-muntanja Tabor.

5 – Meta Sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija, it-tifkira tal-misteru tal-Għid.

**Misteri tat-tbatija** *(it-Tlieta u l-Ġimgħa)*

1 – Meta Sidna Ġesù Kristu għamel l-orazzjoni fl-ort u għereq l-għaraq tad-demm.

2 – Meta Sidna Ġesù Kristu kien marbut mal-kolonna u fflaġellat.

3 – Meta Sidna Ġesù Kristu kien inkurunat bix-xewk.

4 – Meta Sidna Ġesù Kristu kien mgħobbi s-salib mingħand Pilatu sal-Kalvarju.

5 – Meta Sidna Ġesù Kristu kien mislub fuq is-salib u, wara tliet sigħat ta' agunija, miet.

**Misteri tal-glorja** *(l-Erbgħa u l-Ħadd)*

1 – Meta Sidna Ġesù Kristu qam minn bejn l-imwiet.

2 – Meta Sidna Ġesù Kristu tela' s-Sema.

3 – Meta Sidna Ġesù Kristu bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli.

4 – Meta Sidtna Marija ġiet imtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem.

5 – Meta Sidtna Marija ġiet inkurunata mit-Trinità Qaddisa, u mgħollija fuq il-kori kollha tal-anġli.

**I. Ġesù kkundannat għall-mewt.**

Iżda huma b'ħafna għajat baqgħu jinsistu u jitolbu li Ġesù jkun imsallab, sakemm fl-aħħar għaddiet tagħhom. Għalhekk Pilatu qatagħha li jsir kif talbu huma (Lq 23:23-24).

**II. Ġesù mgħobbi s-salib.**

Imbagħad, wara li għaddewh biż-żuffjett, lil Ġesù neżżgħulu l-mantar u xeddewlu ħwejġu, u ħaduh biex isallbuh (Mt 27:31).

**III. Ġesù jaqa' għall-ewwel darba.**

Min ma jerfax salibu u jimxi warajja, ma jistħoqqlux li jkun miegħi, jgħid il-Mulej (Mt 10:38).

**IV. Ġesù jiltaqa' ma' Ommu.**

Xmun berikhom, u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel; se jkun sinjal li jmeruh, – u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! –" (Lq 2:34-35).

**V. Iċ-Ċirinew jgħin lil Ġesù jerfa' s-salib.**

Huma u sejrin b'Ġesù sabu raġel minn Ċireni, jismu Xmun, u ġagħluh jerfagħlu s-salib (Mt 27:32).

**VI. Waħda mara tixxutta wiċċ Ġesù.**
Ebda sura ma kellu, u ebda ġmiel biex inħarsu lejh, jew xi sura biex nitgħaxxqu bih. Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard (Is 52:2-3).

**VII. Ġesù jaqa' għat-tieni darba.**
Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna. Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna (Is 53:5).

**VIII. Ġesù jwissi lin-nisa ta' Ġerusalemm.**
Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom" (Lq 23:27-28).

**IX. Ġesù jaqa' għat-tielet darba.**
Ħaqruh, u hu qagħad għalihom bla biss ma fetaħ fommu; bħal ħaruf meħud għall-qatla, u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu (Is 53:7).

**X. Ġesù mneżża' minn ħwejġu.**
Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi

tellgħuhom bix-xorti ħalli kull wieħed jieħu li jmissu (Mk 15:24).

**XI. Ġesù msammar mas-salib.**

Meta waslu fil-post jgħidulu l-Qorriegħa, sallbuhom hemm, lilu u lill-ħatja, wieħed fuq il-lemin tiegħu u l-ieħor fuq ix-xellug. U Ġesù qal: “Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x’inhuma jagħmlu” (Lq 23:33-34).

**XII. Ġesù jmut fuq is-salib.**

Imbagħad Ġesù għajjat għajta kbira u qal: “Missier, f’idejk jien nerħi ruħi”. U kif qal hekk, ħarġet ruħu (Lq 23:46).

**XIII. Ġesù mniżżel mis-salib.**

Xħin sar filgħaxija, ġie raġel għani, minn Arimatija, jismu Ġużeppi, li hu wkoll kien sar dixxiplu ta’ Ġesù; mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta’ Ġesù. Imbagħad Pilatu ordna li jingħatalu (Mt 27:57-58).

**XIV. Ġesù midfun f’qabar ġdid.**

Ġużeppi ħa l-ġisem ta’ Ġesù u keffnu f’liżar nadif, qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat, gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar, u telaq (Mt 27:59-60).

Meta għadda s-Sibt, maż-żerniq tal-ewwel jum tal-ġimgħa, Marija ta' Magdala u Marija l-oħra marru jaraw il-qabar. U ara, inħasset tħeżżiża kbira għax niżel anġlu tal-Mulej mis-Sema, u resaq igerbeb il-ġebla u qagħad bilqiegħda fuqha. Id-dehra tiegħu kienet bħal berqa; ilbiesu abjad bħas-silġ. Bil-biża' tiegħu l-għassiesa qabdithom rogħda u saru qishom mejtin. Iżda l-anġlu qabad u qal lin-nisa: "Tibżgħu xejn intom għax jiena naf li qegħdin tfittxu lil Ġesù li kien imsallab. Mhuwiex hawn, għaliex qam, kif kien qal. Ejjew araw il-post fejn kien qiegħed. U morru malajr għidu lid-dixxipli tiegħu li hu qam mill-imwiet. U araw, huwa sejjer il-Galilija qabilkom: tarawh hemmhekk (Mt 28:1-7).

## Kurunella tal-Ħniena Divina

*Tingħad fuq il-kuruna tar-Rużarju*

*Fil-bidu:*

Missierna; Sliem għalik, o Marija; Kredu tal-Appostli.

*Fuq iż-żibeġ tal-*Glorja *jingħad:*

Missier Etern, jiena noffrilek il-Ġisem, id-Demm, ir-Ruħ u d-Divinità ta' Ibnek il-Għażiż, Sidna Ġesù Kristu, bi tpattija għad-dnubiet tagħna u għal dawk tad-dinja kollha.

*Fuq iż-żibeġ tas-*Sliema *jingħad:*
F’ġieħ il-Passjoni ħarxa tiegħu, ħenn għalina u għad-dinja kollha.

*Fl-aħħar, jingħad għal tliet darbiet:*
Qaddis Alla, Qaddis Qawwi, Qaddis Immortali, ħenn għalina u għad-dinja kollha.

**GĦALL-QRAR**

Att ta’ ndiema
Mulejja, Alla tiegħi, jisgħobbija b’qalbi kollha
minn dnubieti ta’ ħajti kollha.
Jisgħobbija, Mulejja,
għall-Ġenna li tlift, għall-infern li rbaħt.
Imma fuq kollox jisgħobbija
għax regħextek u offendejtek,
int li kollok tjieba u ħniena.
Inħobbok, Mulejja, inħobbok fuq kollox.
Mil-lum ’il quddiem, bl-għajnuna mqaddsa tiegħek,
ma nidnibx qatt u qatt iżjed,
u la mmur fejn dari nidneb,
naħrab ukoll minn dak kollu
li dari waqqagħni fid-dnub.

Ftakar, Mulej, fi mħabbtek,
fil-fedeltà tiegħek li hi minn dejjem.
La tiftakarx fi dnubieti:
ftakar fija fil-ħniena tiegħek,
skond it-tjieba tiegħek, Mulej.

*jew*

Mulej Ġesù, Iben ta' Alla,
ħenn għalija, midneb.

## WARA T-TQARBINA EWKARISTIKA

Ruħ ta' Kristu, qaddisni.
Ġisem ta' Kristu, salvani.
Demm ta' Kristu, ħeġġiġni.
Ilma tal-kustat ta' Kristu, aħsilni.
Passjoni ta' Kristu, sabbarni.
Ġesù ħanin, ismagħni.
Fil-pjagi tiegħek aħbini.
Tħallini qatt ninfired minnek.
Mill-għadu ħażin ħarisni.
Fis-siegħa ta' mewti sejjaħli.
Ġewwa ħdanek ilqagħni,
biex mal-anġli u l-qaddisin tiegħek
infaħħrek għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## AKKLAMAZZJONI BI TPATTIJA GĦAD-DAGĦA

Ikun imbierek Alla.
Imbierek l-isem imqaddes tiegħu.
Imbierek Ġesù Kristu, veru Alla u veru bniedem.
Imbierek l-isem ta’ Ġesù.
Imbierka l-Qalb imqaddsa tiegħu.
Imbierek id-Demm għażiż tiegħu.
Imbierek Ġesù fis-Santissmu Sagrament tal-altar.
Imbierek l-Ispirtu s-Santu Paraklitu.
Imbierka l-kbira Omm Alla Marija Santissma.
Imbierka l-imqaddsa u immakulata Kunċizzjoni tagħha.
Imbierek it-tlugħ glorjuż tagħha fisSsema.
Imbierek l-isem ta’ Marija Verġni u Omm.
Imbierek San Ġużepp, għarus kastissmu tagħha.
Imbierek Alla fl-anġli u l-qaddisin kollha tiegħu.

## INTENZJONIJIET PARTIKULARI

### Proposti mill-Papa fuq il-ħamest iswaba' tal-id

**1**

### L-OĦXON

Is-saba' l-*oħxon* hu l-eqreb wieħed lejk. Mela ibda billi titlob għal dawk li huma l-eqreb lejk. Huma l-persuni li fihom faċilment niftakru. Li nitolbu għall-għeżież tagħna hu "dmir ħelu".

**2**

### IL-WERREJ

Is-saba' li jmiss hu l-*werrej*. Itlob għal dawk li jgħallmu, jedukaw u jieħdu ħsieb tal-oħrajn. Din il-kategorija tiġbor fiha l-għalliema, il-professuri, it-tobba u s-saċerdoti. Għandhom bżonn tas-sostenn u l-għerf biex juru lill-oħrajn it-triq it-tajba. Dejjem ftakar fihom fit-talb tiegħek.

## 3 IL-FUSTANI

Is-saba’ li jmiss, il-*fustani*, hu l-itwal wieħed. Ifakkarna f’dawk li jmexxuna. Itlob għall-President, il-membri parlamentari, in-nies tan-negozju u d-diretturi tal-kumpaniji. F’idejn dawn il-persuni hemm id-destin ta’ pajjiżna u huma jdawlu l-opinjoni pubblika… Għandhom bżonn id-dawl ta’ Alla.

## 4 TAĊ-ĊURKETT

Ir-raba’ saba’ jissejjaħ *taċ-ċurkett*. Jissorprendina l-fatt li dan hu l-aktar saba’ dgħajjef, kif jista’ jikkonfermalna kull min jgħallem il-pjanu. Qiegħed hemm biex ifakkarna f’dawk l-aktar dgħajfa, f’min għandu xi sfidi x’jaffronta, fil-morda. Dawn għandhom bżonn tat-talb tiegħek lejl u nhar. It-talb tiegħek għalihom qatt mhu biżżejjed. U qiegħed hemm ukoll biex jistedinna nitolbu għall-koppji miżżewġa.

## 5 IŻ-ŻGĦIR

U fl-aħħar għandna s-saba’ *ż-żgħir* tagħna, l-iċken fosthom ilkoll, kif ċkejknin għandna nħossuna quddiem Alla u l-proxxmu. Kif jgħid Ġesù, “tal-aħħar jiġu l-ewwel”. Is-saba’ ż-żgħir ifakkrek titlob għalik innifsek. Wara li tkun tlabt għall-oħrajn kollha, tista’ tifhem aħjar liema hu l-ħtiġijiet tiegħek billi tħares lejhom mill-perspettiva t-tajba.

## Barka fuq l-ulied

Iħarsek il-Mulej,
ikabbrek fl-imħabba tiegħu,
biex tgħix kif jixraq
il-vokazzjoni tiegħek.

*jew*

Missier qaddis, għajn ta' ħajja bla tarf,
minnek ġej kulma hu tajjeb;
aħna nberkuk u rroddulek ħajr,
għax int ridt thenni bid-don tal-ulied
l-għaqda tal-imħabba ta' bejnietna;
agħmel li din ir-rimja ġdida fil-familja tagħna
issib fl-ambjent tad-dar
klima tajba biex tinfetaħ bla xkiel
għall-pjan li għandek maħżun għaliha
u li hi għad twettaq bl-għajnuna tiegħek.
Bi Kristu Sidna. Amen.

## Għall-miżżewġin

Imbierek int, Missier,
għax bit-tjieba tiegħek int imxejt magħna
fil-ġrajjiet hienja u mnikkta tal-ħajja;
għinna bil-grazzja tiegħek

ħa nibqgħu dejjem fidili fl-imħabba lejn xulxin,
biex inkunu xhieda tajba
tal-patt ta' mħabba fi Kristu l-Mulej.

## Għall-għarajjes

Lejk ngħollu t-tifħir tagħna, o Alla,
li fil-pjan providenzjali tiegħek
qed issejjaħ u tnebbaħ lil N. u lili (issejħilna u tnebbaħna)
biex insiru għal xulxin sinjal ta' mħabbtek,
biex fil-fedeltà reċiproka
u fit-twaħħid sħiħ mar-rieda tiegħek
naslu hienja għas-sagrament taż-Żwieġ.

## Kontra l-qawwa tad-dlamijiet

### *Invokazzjonijiet lil Kristu l-Mulej*

Salvani, o Kristu Feddej, bil-qawwa tas-salib tiegħek:
int li salvajt lil Pietru mill-għarqa, ħenn għalija.

*jew*

Minħabba fis-sinjal imqaddes tas-salib,
eħlisna, o Kristu, mill-għedewwa tagħna.

*jew*

Minħabba fis-salib imqaddes tiegħek salvana,
o Kristu Feddej,
int li bil-mewt tiegħek qridt il-mewt tagħna
u bil-qawmien tiegħek tajtna ħajja ġdida.

*Invokazzjoni lill-Verġni Marija*

Għinni, o mqaddsa Verġni Marija,
fit-tiġrib, it-tbatijiet u l-ħtiġijiet kollha tiegħi:
itlob għalija lil Ibnek il-maħbub,
biex jeħlisni minn kull ħażen u periklu
tar-ruħ u tal-ġisem.

*Invokazzjoni lil San Mikiel Arkanġlu*

San Mikiel Arkanġlu,
idħol għalina fit-taqbida;
kun int l-għajnuna tagħna
kontra l-ħażen u t-tnassis tad-demonju.
Irażżnu Alla, nitolbuk bil-ħerqa.
Int l-aqwa fost il-qtajja' tas-Sema,
itfa' bil-qawwa ta' Alla fil-qiegħ tal-infern
lix-Xitan u l-ispirti ħżiena l-oħra
li jiġġerrew fid-dinja
għat-telfien tal-erwieħ. Amen.

# WERREJ

**IT-TALBA TAL-MULEJ** .......... 3

**TALB BIBLIKU** .......... 4
Magnificat .......... 4
Mis-Salm 51 .......... 5
Mis-Salm 130 .......... 5
Mis-Salm 139 .......... 5

**FORMULI QOSRA** .......... 6
Sinjal tas-salib .......... 6
Glorja lill-Missier .......... 6
Sliem għalik, Marija .......... 7
Anġlu ta' Alla .......... 7
Agħtihom, o Mulej .......... 7

**INVOKAZZJONIJIET LIL KRISTU ĠESÙ** .......... 8

**INVOKAZZJONI LILL-ISPIRTU S-SANTU** .......... 8

**INVOKAZZJONIJIET LIL MARIJA** .......... 8
Sliem għalik, Sultana .......... 8
Taħt il-ħarsien tiegħek .......... 9
Litanija Lawretana .......... 9
Lil Marija .......... 12

**FILGĦODU** 13
Mis-Salm 63 13
Mulejja, nadurak 13
Offerta tal-ġurnata 13

**FILGĦAXIJA** 14
Mis-Salm 141 14
Mulejja, nadurak 14
Talba għall-maħfra 15
Qabel l-irqad 15

**QABEL L-IKEL** 16

**WARA L-IKEL** 16

**TALBIET SEMPLIĊI** 17
Quddiem il-Kurċifiss 17
Offerta tal-ġurnata 17
Għażiż Ġesù 18
Talba tal-abbandun 19
Tridhom idejja? 20

**MIT-TRADIZZJONI NISRANIJA** 21
L-*Angelus* 21
Sultana tas-Sema 22
Ir-Rużarju 23
Via Crucis 25
Kurunella tal-Ħniena Divina 28

**GĦALL-QRAR** ........ 29
Att ta' ndiema ........ 29

**WARA T-TQARBINA EWKARISTIKA** ........ 30

**AKKLAMAZZJONI BI TPATTIJA GĦAD-DAGĦA** ........ 31

**INTENZJONIJIET PARTIKULARI** ........ 32
Proposti mill-Papa fuq il-ħamest iswaba' tal-id ........ 32
Barka fuq l-ulied ........ 34
Għall-miżżewġin ........ 34
Għall-għarajjes ........ 35
Kontra l-qawwa tad-dlamijiet ........ 35
*Invokazzjonijiet lil Kristu l-Mulej* ........ 35
*Invokazzjoni lill-Verġni Marija* ........ 36
*Invokazzjoni lil San Mikiel Arkanġlu* ........ 36

Fil-qoxra:
*Il-Papa Franġisku b'ħarstu 'l Fuq…*
Ritratt: Agence France-Presse

It-testi huma meħuda mill-*Bibbja* tal-Għaqda Biblika Maltija, mill-kotba liturġiċi, mill-*Kompendju* tal-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, mill-*Manwal tal-Indulġenzi* u mit-Tradizzjoni.

Miġjub mit-Taljan għall-Malti u editjat minn Francesco Pio Attard.

© Copyright tal-oriġinal bit-Taljan 2014 – Libreria Editrice Vaticana
00120 Città del Vaticano
Tel. 06698.81032 – Fax 06698.84716
www.libreriaeditricevaticana.va

© Copyright tat-traduzzjoni Maltija 2015 – Bażilika San Ġorġ
L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200
Għawdex, Malta
Tel. 2155 6377 – Fax 2155 6981 – Email info@sangorg.org
www.stgeorge.org.mt

*Issettjat u mitbugħ:*
Gozo Press
Triq l-Imġarr, Għajnsielem GSM 9016
Għawdex
Tel. 2155 1534

